***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sebgħa u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 13 ta' Ottubru 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |
| Dr. Johnaton Abela LL.D. | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

Il-Kunsill iddeċieda li jiġu sospiżi l-proċeduri tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-*item* *"Chocolate Festival*".

## 3. *Chocolate Festival*

- Il-laqgħa mal-Għaqdiet Ħamruniżi li ser jipparteċipaw fl-attivita' ser issir il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2011 fis-6.00pm.
- Ser ikun hemm madwar 60 parteċipant kif ukoll tlett parati mill-*In Guardia*.
- Il-Kunsill iddeċieda li s-Sur Arthur Azzopardi ma jidħalliex jarma 5 *stands* mingħajr ma jħallas għall-parteċipazzjoni.

Fis-5.45pm s-Sinjura Carmen Borg ġiet skużata mil-laqgħa filwaqt li s-Sur Cedric Valletta daħal għal-laqgħa.

- Għad irid jiġi stabbilit min ser joqgħod fl-*Information Desk*.

- L-organizzatur ippreżenta l-budget tal-attivita'.

- Dr. P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li għamlet arranġamenti biex il-Kunsill jissellef stalls u bankijiet għaċ-*Chocolate Festival*. Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2011 fit-3.00pm ser issir laqgħa ma' Uffiċċjal tal-Wasteserve f'dan ir-rigward.

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

- Il-Kunsill approva li bħala reklamar ikun hemm: avviżi fuq ir-radio Galaxy, One Radio u 101 Radio għal-valur ta' €1,600, stampar ta' *flyers* biex jitqassmu fl-ewwel distrett minbarra l-Belt kif ukoll jitqassmu bieb-il Belt u żewġ Billboards għal-valur ta' €500.

Fis-6.25pm Dr. Johnaton Abela ġie skużat mill-laqgħa.

- Ġiet ippreżentata lista tal-kwotazzjonijiet li ntefu għas-sistema tas-*Sound* u Dwal (ara Dok A Mehumuża ma' dawn il-Minuti).

  Ġie deċiż li jingħażlu l-orħos kwotazzjonijiet li kienu ta' Audio Works għas-*Sound* u Nexos għad-dawl.

- Ġie deċiż li jiġu mistiedna jipparteċipaw l-anzjani li huma residenti fir-Residenza San Vinċenz.

Fis-6.45pm Dr. Johnaton Abela reġa' daħal għal-laqgħa.

## 4. Approvazzjoni tal-Minuti

*4.1* Il-minuti tal-mitejn u sitta u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

*4.2* Il-minuti tal-kontinwazzjoni tal-mitejn u sitta u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 5. Punti li joħorġu mill-Minuti

*5.1 Proġett tas-Suq*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed nistennew l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Artijiet biex inkunu nistgħu noħorġu l-kuntratt għal-kiri u tħaddim tal-parkeġġ.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li sar studju mill-perit tal-Kunsill jirriżulta li b'xi alterazzjonijiet il-parkeġġ jista' jkun *natural ventilated*. Dan ifisser tnaqqis fil-prezz tal-kuntratt tal-*finishings* tal-parkeġġ kif ukoll tnaqqis fl-ispejjeż għat-tħaddim tiegħu.

- Il-kuntrattur J&K Contractors għaddej b'xogħol relata mat-tikħil u kisi fil-parkeġġ.

- Il-Kunsill ġie preżentat b'kopja tal-pjanta proposta għal-parti ta' fuq il-parkeġġ. Il-Kunsill approva l-pjanta u ġie deċiż li xogħol meħtieġ isir mill-kuntrattur J&K Contractors peress li diġa għandna kuntratt miegħu għal dan it-tip ta' xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li jissottometti applikazzjoni għal-*Urban Improvement Funds* biex jiġi finanzjat parti mix-xogħolijiet.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill ippreżenta Protest il-Qorti kontra *Schembri Infrastructures* minħabba li naqas milli jsewwi l-ħsarat li kawża lill-ġirien.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*lift* tal-Uffiċċju tal-Kunsill għandu jkun imwaħħal sad-9 ta' Diċembru 2011.

*5.2 Attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju'*

Il-President u Segretarju tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni iffirmaw dikjarazzjoni fejn huma ċaħdu li qatt qalu lill-Gwardjani Lokali biex jitilqu qabel il-ħin. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Guard & Warden b'din id-dikjarazzjoni u li mhux ser iħallsu għas-servizz li ma sarx. Sadanittant il-Kunsill għandu jagħmel arranġament mal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni dwar id-differenza tal-ħlas.

Fis-7.15pm Dr. Paula Mifsud Bonnici ġiet skużata mill-laqgħa.

*5.3 Kuntratt – Civic Design Consultancy & Contracts Manager*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li t-Tenders għas-servizz ta' Perit u Contracts Manager għall-Kunsill ser jagħlqu nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2011 fl-12.00pm. Is-Sindku u s-Sur A. Ellul ser ikunu preżenti għall-ftuħ tal-kaxxi tal-offerti.

*5.4 Resurfucing of Roads*

Is-Sindku spjega li peress li t-tenders għar-*resurfucing* ta' Triq Eldorado, Triq id-Duka ta' Edinburgh u Sqaq San Pawl damu biex inħarġu, l-Kunsill kellu jagħmel xogħol ta' *patching* fi Triq Eldorado. Huwa spjega li wara spezjoni li saret jirriżulta li din it-triq m'għadx għandha bżonn ta' *resurfucing*. Minflok huwa propona li tiġi *resurfuced* Triq San Tumas li tinsab fi stat ħażin. Is-Sindku qal li hemm differenzi żgħar fil-prezz bejn iż-żewġ toroq.

Il-Kunsill iddeċieda li jsiru arranġamenti mal-kuntrattur biex isir *resurfucing* ta' Triq San Tumas minflok Triq Eldorado.

## 6. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-2 ta' Settembru 2011 u t-13 ta' Ottubru 2011.

*6.1 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn talbu li jiġu nklużi f'każ li jsir xi ftehim mal-Għaqdiet Mużikali l-oħra fil-Ħamrun.

*6.2 MEPA – UCA Street Classification - Public Consultation*

Il-Kunsilli Lokali irċievew l-UCA *Street Classification Maps* proposti mill-MEPA. Il-Kunsilli ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom f'dan ir-rigward sal-4 ta' Ottubru 2011.

*6.3 Transport Malta – Keep Clear Bay*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta ma ssibx oġġezzjoni li ssir '*Keep Clear Bay*' quddiem l-grada tad-dħul u ħruġ tal-Ħamrun Spartans Complex fi Triq Schembri f'każ ta' emerġenza.

*6.4 Sur Joseph Camilleri – Permess Speċjali*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Joseph Camilleri li għandu l-garaxx tax-xogħol fi Sqaq id-Duluri Numru 1 sabiex jingħata permess tal-parkeġġ. Il-Kunsill ma approvax din it-talba għaliex s-Sur Camilleri ma jikwalifikax għal-Pemess ta' Parkeġġ.

*6.5 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jressqu proġetti għal-finanzjament taħt l-iskema Proġetti Speċjali 2011. Il-Kunsill approva li s-Sur Cedric Valletta jipprova japplika biex jinkisbu fondi għal-*Photovoltaic System* biex l-enerġija ġenerata tiġi maqsuma bejn l-għaqdiet tal-Lokal.

*6.6 Sinjura Jacqueline Durovic – Kaxxa safra faċċata tal-garaxx*

Is-Sinjura Durovic talbet biex is-sinjal isfar li għandha faċċata tal-garaxx fi Triq Eldorado ssir kaxxa safra. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*6.7 Sur Joseph Aquilina – Double Yellow Lines*

Is-Sur Aquilina talab biex isiru *double yellow lines* tul ta' metru fil-ġnub tal-garaxx li għandu fi Triq Pawlu Saliba. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*6.8 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipparteċipaw fl-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012. L-applikazzjonijiet iridu jaslu sas-27 ta' Ottubru 2011.

*6.9 Aġenzija Żgħażagħ – Empowerment program*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu programm ta' Empowerment. Il-kors ta' taħriġ jinvolvi spiża ta' €300 fejn €150 toħroġhom Aġenzija Żgħażagħ filwaqt li l-€150 l-oħra l-Kunsill Lokali. L-applikazzjonijiet jagħlqu fl-14 ta' Ottubru 2011.

6.10 Sur Raymond Micallef – Subculture Animal Friends

Il-Kunsilli ġew mistiedna mill-Għaqda Subculture Animal Friends biex jissieħbu f'proġett ta' tqassim ta' kotba lit-tfal tar-4, 5 u 6 sena fl-iskejjel primarji. Il-ktieb iqajjem kuxjenza u għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali. Il-ħlas dovut mill-Kunsill ikun dak ta' €100.00. il-Kunsill approva unanimament li jipparteċipa.

*6.11 Hobbies Society – Petizzjoni dwar kanuni*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' petizzjoni li ġiet iffirmata minn madwar 1000 persuna u preżentata mill-Hobbies Society lill-Awtoritajiet Governattivi sabiex jerġgħu jitpoġġew lura l-kanuni fi Triq Atocia. Ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-Onor. Segretarju Parliamentari Dr. Mario de Marco rigward il-kanuni u f'każ li ma jkunx hemm żviluppi, il-Kunsill isejjaħ Konferenza Stampa fi Triq Atocia rigward il-kanuni.

Fis-7.55pm s-Sinjura Judith Bugeja ġiet skużata mill-laqgħa.

*6.12 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Administration Fee*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li ser jitħallsu 10% tal-valur taċ-ċitazzjonijiet li jitħallsu fil-Kunsill Lokali bħala *Administration Fees* għal-ħlas ta' multi li jsiru fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

Fit-8.00pm s-Sur Cedric Valletta ġie skużat mill-laqgħa.

*6.13 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jorganizzaw attivita' fil-lokal fix-xhur ta' Novembru jew Diċembru u joħolqu inizjattiva sabiex jinġabru fondi b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Informazzjoni dwar l-attivitajiet għandhom jintbgħatu lid-Dipartiment sal-14 ta' Ottubru 2011.

*6.14 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' finanzjament għat-titjib fil-Playing fields*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li wara spezzjoni mill-MCCA ġie rakomandat li l-*Playing field* fi Ġnien Anton Buttiġieġ jingħalaq sakem jinbidlu l-Play *Equipment u Safety Fooring* minħabba li m'humiex konformi mal-i*standards* MSA 3500:2010. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill iddeċieda li japplika għal-fondi taħt l-iskema ta' Finanzjament għat-titjib fil-*Playing Fields* eżistenti li tagħlaq fit-28 ta' Ottubru 2011.

*6.15 Sinjura Mary Grace Cassar – Lmenti rigward servizz tal-Arriva*

Is-Sinjura Cassar lmentat rigward in-nuqqas ta' servizz fi Triq il-Kappillan Mifsud. Is-Sindku spjega li l-problemi msemmija mis-Sinjura Cassar ġew mressqa lill-Uffiċċjal ta' Transport Malta f'laqgħa li saret illum. Ġie spjegat li f'Novembru ser jiżdied is-servizz provdut fi Triq il-Kappillan Misud.

*6.16 Kunsill Lokali Valletta – Publikazzjoni ta' ktejjeb*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istima biex isir id-disinn tal-ktejjeb dwar Ħammiem selvaġġ kien dak ta' €800.00. Dan ifisser ħlas ta' €100.00 kull Kunsill. Wara kull Kunsill individwali irid jieħu ħsieb l-istampar tiegħu. Il-Kunsill approva li jsir id-disinn tal-ktejjeb.

*6.17 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kompetizzjoni Premjijiet Ewropej għall-Appoġġ lill-Intrapriża*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna japplikaw għall-Premjijiet Ewropej għall-Appoġġ lill-Intrapriża.

*6.18 Sur Lydon Vella – Ittra ta' riżenja*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' riżenja mingħand is-Sur Vella mill-impjieg tiegħu bħala skrivan mal-Kunsill Lokali Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jibdew il-proċeduri għall-impjieg a' skrivan ġdid. Ġie deċiż li l-Bord ta' l-Intervisti jkun kompost mill-membri tal-Bord preċedenti, jiġifieri s-Sindku, Viċi Sindku, Dr Paula Mifsud Bonnici, s-Sinjura Carmen Borg u s-Segretarju Eżekuttiv.

*6.19 Sur Paul Piccinino – Triq il-Ferrovija*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Piccinino sabiex il-Kunsill jikkunsidra li Triq il-Ferrovija ssir *One way* lejn Triq Indri Cilia. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din il-korrispondenza lill-Transport Malta.

*6.20 Sur Gino Zammit – Servizz ta' Bulky Refuse*

Il-Kunsilli rċieva ittra mingħand is-Sur Zammit fejn ilmenta dwar is-servizz ta' *Bulky Refuse*. Diversi Kunsilliera irċevew lmenti ukoll f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li jinħareġ *Default Notice* lill-Kuntrattur responsabbli.

*6.21 Hamrun Spartans FC Youth Nursery - Laqgħa*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Ħamrun Spartans FC Youth Nursery fejn talbu laqgħa biex jiġi diskuss l-involviment tal-Kunsill fit-Tony Bajada Memorial Tournament li ser isir fl-Għid tal-2012.

*6.22 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Konferenza*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipparteċipaw f'konferenza *"Building Together Sustainable Localities"* li ser issir il-Ħadd 27 u Tnejn 28 ta' Novembru 2011. Il-Kunsilli barranin ġemellati mal-Kunsilli Lokali Maltin għadhom jiġu mistiedna jattendu għall-konferenza.

## 7. <u>Quarterly Financial Reports – Jannar sa Marzu u April sa Ġunju 2011</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Financial Reports* għall-perjodi Jannar sa Marzu u April sa Ġunju 2011 (kopja mehmuża ma' dawn il-Minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapporti finanzjarji. Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Reports* għall-perjodi Jannar sa Marzu u April sa Ġunju 2011.

## 8. **Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti**

*8.1 Xiri ta' UPS's u external hard disk*

Il-Kunsill approva li jinxtraw 5 UPS's għal-kompjuters tal-Kunsil għall-prezz ta' €165.00 il-wieħed kif ukoll *external drive* mingħand il-kumpanija Marshall Teck.

*8.2 Ħarġa għall-Catania*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat għall-Anzjani ser jorganizza mawra sa Catania f'Diċembru 2011. Il-Kunsill mhux ser jiġi nvolut fi spejjeż. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*8.3 Filing cabinet*

Il-Kunsill approva li jinxtara *filing cabinet* għall-uffiċċju tal-Kunsill.

## 9. ***Schedule of Payments***

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-13 ta' Ottubru 2011 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 10. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm.

________________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
DATA